Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 68

It- Tnejn, 15 ta' April 2024

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Joseph Debono- Viċi Sindku

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.19pm

**68.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

68.1.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li l-Kunsillier Barbaro Sant ma setatx tattendi peress li kien jinsab indispost.

68.1.2 Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija tiegħu.

**68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

68.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal-Seba' u Sittin Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

68.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**68.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

68.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li wara li ġie vverifikat li s-siġra li tinsab fi Gnien Howard faċċata ta' HSBC kienet ta' periklu għal open top buses ġie deċiz flimkien ma Transport Malta u l-Kunsill tar- Rabat li jsir iz-zbir tagħha wara li nħarġu l-permessi neċessarji mill-ERA.

67.3.2 Is- Sindku ġie nfurmat minn Infrastructure Malta li x-xogħolijiet fuq il-gutters ta' ħdejn it-tinda tal-karozzini ser jibdew fil-ġimgħat li ġejjin kif ukoll ix-xogħol li kellu jsir fuq il-pavimentar ġewwa l-Mdina ser jibda f' Novembru li ġej.

68.3.3 Is- Sindku infuma lill Kunsill li l-art li tinsab ħdejn l-Istazzjon u li hija propjeta' tal-Lands fejn għal ħafna zmien bħala Kunsill ilna nitolbu biex tingħata b'devoluzzjoni u jsir parkeġġ, f'dawn l-aħħar jiem nnota li kien qed ikun hemm gaffa li qed tħammel l-art. Huwa talab lil Pulizija jinvestigaw imma ma rrizulta xejn.

68.3.4 Is- Sindku talab lis- SE biex jikteb lil Cleansing Department dwar il-possibilita' li fuq l-latrina pubblika jiġu nstallati aktar tankijiet ta' l-ilma minħabba d-domanda fis-sajf.

68.3.5 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li d-dustbins li jinsabu fi Gnien Howard għandhom bzonn jinbidlu peress li ddeterjoraw maz-zmien bil-konsegwenza li ta' kull darba li jitbattlu jinstab ħafna ħmieġ ma' l-art. Il-Kunsill qabel ma 'din it-talba u talab lis- Segretarju joħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet.

**68.4 Pjan ta' Ħidma 2024 sa 2028- Approvazzjoni**

68.4.1 Il-Pjan ta' Ħidma 2024-2028 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (meħmuż). Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

68.4.2 Dan il-pjan tressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill fejn dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**68.5 Kwotazzjoni Servizzi ta' Accountant- Aġġudikazzjoni**

68.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijet għal servizzi ta' accountant u accountant technician għal sena mal-Kunsill Lokali

68.5.2 L-irħas offerta kienet dik ta' DGalea Consultants Ltd għas-somma ta' € 5900

67.5.3 Fuq proposta tal-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet ssekondata mill- Kunsillira Camille Scerri, il-Kunsill approva li l-kuntratt jingħata lil Dgalea Consultants Ltd.

**68.6 Servizzi ta' Perit- Tiġdid tal-Kuntratt**

68.6.1 Is- SE nfurma lil Kunsill li l-kuntratt tal-perit mal-Kunsill wasal biex jiġi mġedded peress li l-kuntratt tiegħu kien għal sena bil-possibilita' li jiġi mġedded kull sena sa massimu ta' erba' snin. Għaldaqstant talab l-approvazzjoni tal-Kunsill.

68.6.2 Il-Kunsill approva nem-con.

**68.7 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

68.7.1 Heritage Malta- Saru xi xogħolijiet fuq drenaġġ tat-toilets li jinsabu l-Vilhena Palace u peress li l-Kunsill jifforma parti mill-istess binja, qed jitolbu li l-ispejjez involuti jinqasmu bejn il-Kunsill u Heritage Malta. Il-Kunsill approva.

68.8.2 Casa Gourgion- Talba biex tingħalaq parti mill-Pjazza San Pawl għal attivita' ta' inawgurazzjoni ta' l-istess muzew. Il-Kunsill approva b'ċertu kundizzjonijiet.

68.8.3 Suġġeriment biex t-tabella li tinsab fid-dħul tal-bieb prinċipali ta' l-Mdina fejn turi li ma tistax taċċessa bil-vettura ġewwa mingħajr permess għandha titpoġġa f'post fejn tidher. Il-Kunsill laqa' dan is-suġġeriment u ser jieħu l-passi meħtieġa.

**68.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

68.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 15 ta' April 2024 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 22,635.96

68.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**68.9 Tmiem tal- Laqgħa**

68.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.49pm u ġiet aġġornata għas-9 ta' Mejju 2024 fit-3pm

FFIRMATI

________________________

Peter Sant Manduca
Sindku

FFIRMATI

________________________

Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data:___9 ta' Mejju 2024__